**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis, 3 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru. 43/2020 JZM**

**Mario Attard Trevisan (274171M)**

***u***

**Conrad Borg Manche (510780M)**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-4 ta` Settembru 2020 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-esponenti huma azzjonisti tas-socjeta` bl-isem ta` MATSURV & Associates Ltd, li giet inkorporata fis-sena 2009, u li ghandha numru ta` registrazzjoni C 46332 b`ufficju registrat f`1, Corner Place, Triq iz-Zaghfran, Attard ATD 9015, liema socjeta` kienet socjeta` b`responsabbilita` limitata.*

*2. Illi s-socjeta` topera fis-settur tal-Land Surveying u konsulenza relatata mal-industrija tal-kostruzzjoni u dan kif jidher mill-Istatut tas-socjeta` kopja ta` liema qed tigi annessa ma` dan ir-rikors u mmarkata bhala "Dok M&A1".*

*3. Illi fil-29 ta` Jannar 2020 ir-Registratur tal-Kumpanniji baghat ittra lis-socjeta` ai termini tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan sabiex jistaqsi jekk is-socjeta` ghadhiex qed topera u kif ukoll titlob lill-istess socjeta` biex tissottometti xi dokumenti li kienu nieqsa bhall-Annual Returns u Audited Accounts, kopja ta` liema qed tigi annessa bhala "Dok M&A2".*

*4. Illi l-istess socjeta` ikkonfermat lill-istess Registratur li din ghadha attiva u kif ukoll li, fix-xahar ta` Frar 2020 tramite l-accountant taghha, Mark Vella Bonnano, issottomettiet d-dokumenti u hlasijiet relattivi tal-Annual Returns mis-sena 2014 sas-sena 2019 kif ukoll l-Audited Accounts mis-sena 2011 sa 2016, inkluz zewg Form I sabiex jirriflettu zewg bidliet li kien hemm fl-awditur tal-istess socjeta` fis-snin indikati, u dan jidher mill-annessi kopji tal-konferma tal-hlas tal-Annual Returns mahrug mir-Registru dwar in-Negozju ta`Malta mmarkati bhala "Dok M&A 3 i-3vi".*

*5. Illi fil-bidu tax-xahar ta` April 2020 l-istess atturi intavolaw u hallsu ukoll l-Annual Retum tas-sena 2020 biex jaccertaw li s-socjeta` MATSURV & Associates Ltd. tkun aggornata mal-obbligi legali taghha.*

*6. Illi minkejja li l-atturi hadu l-passi necessarji sabiex l-imsemmija socjeta` tkun aggornata ma` l-obbligi taghha habat izda li d-diretturi tal-istess socjeta`gew notifikati b`ittra datata 23 ta` Marzu 2020 mibghuta mill-Awtorita` konvenuta fejn gew infurmati li s-*

*socjeta` kienet ser tigi imhassra mir-Registru tal-kumpanniji ghaliex ir-Registratur tal-Kumpanniji kien tal-opinjoni li din ma baqghetx topera, jew ossia kienet fi stat ta` `defunct`, u dan ai termini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, b`effett minn tliet (3) xhur mid-data tan-notifika mahruga mill-istess Registru tal-Kumpannji u cioe 23 ta` Marzu 2020 hekk kif jirrizulta mill-kopja tal-ittra annessa u mmarkata bhala "Dok M&A 4".*

*7. Illi jirrizulta li d-dokumenti u c-cheque bil-pagamenti tal-mizati, bi zvista intitfu internament (misplaced) min-naha tar-Registru u allura dawn ma gewx processati u s-socjeta` spiccat meqjusa bhala inadempjenti u tkompla l-process tad-defunct u dan kif konfermat mill-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bhala "Dok M&A 5" u Dok M&A 6" li saret bejn l-accountant is-socjeta` MATSURV & Associates Ltd. u rapprezentanti tar-Registru dwar in-Negozju ta`Malta.*

*8. Illi b`konsegwenza tal-fatt li d-dokumenti ma gewx processati fi zmien it-tliet xhur mid-data tan-notifika mahruga mir-Registratur tal-Kumpanniji, dan tal-ahhar hassar l-imsemmija s-socjeta` mir-registru tal-kumpanniji ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji mid-data effettiva 23 ta` Gunju 2020 u dan hekk kif jidher mill-estratt anness u mmarkat bhala "Dok M&A7".*

*9. Illi l-akkadut gie diskuss mar-raprezentati tar-Registru dwar in-Negozju ta` Malta, fosthom ma` Dr Deandra Schembri u Dr Geraldine Spiteri Lucas, fejn dawn ikkonfermaw illi s-socjeta` ma kellhiex tigi meqjusa bhala 'defunct` u li l-isem tas-socjeta ma kellux jigi mhassra mir-Registratur tal-Kumpaniji, u dawn qablu illi r-Registratur ma jopponix ghat-talba tal-azzjonisti taht is-subarikolu (4) tal-Artikolu 325 tal-Kap 386 sabiex titlob lill-Qorti tordna li l-isem tas-Socjeta` jerga` jidhol fir-registru.*

*10. Illi r-rapprezentanti tar-Registru dwar in-Negozju ta` Malta qed jaccettaw ukoll li l-ispejjez tal-proceduri odjerni jkunu ghas-spejjez tal-istess Registratur.*

*11. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fattwalment is-socjeta MATSURV & Associates Ltd ghadha qieghda topera u tiggestixxi n-negozju taghha, ghad ghandha numru tal-VAT u tat-taxxa, ghandha kont bankarju u ghad ghandha diversi impjegati jahdmu maghha.*

*12. Illi in vista tas-suespost, l-atturi jinsabu aggravati bid-decizjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji u ghandhom interess li l-isem tal-imsemmija socjeta` jerga` jidhol fir-registru tal-kumpanniji ghaliex is-socjeta` ghadha qieghda topera u qieghda taghmel minn kollox sabiex din tigi aggornata mal-obbligi korporattivi taghha inkluz li tintavola l-audited accounts li ghadhom pendenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni :*

*1. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji, jerga` jdahhal l-isem tas-socjeta` MATSURV & Associates Ltd. (C46332) fir-registru tal-kumpanniji, sabiex b`hekk l-istess socjeta` titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar ; u*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jaghmel il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji, u dana kollu taht dawk id-direzzjonijiet u dawk il-provvedimenti li jistghu u jidhrulha xierqa.*

*Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` konvenuta.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat fl-1 ta` Ottubru 2020 u li taqra hekk :-

*Illi l-kumpannija MATSURV & Associates Ltd kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ("Registru"), fit-3 ta` Marzu 2009.*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpannija naqset mill-obbligi taghha milli tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji. L-ahhar kont annwali kien tas-sena 2010, filwaqt illi l-ahhar prospett annwali kien tas-sena 2013.*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent jipprocedi billi kiteb lill-kumpannija u lill-ufficjali taghha sabiex skont il-procedura preskritta mill-Artikolu 325 (mhux Artikolu 523 kif gie specifikat fir-rikors promotur) javza illi kemm-il darba ma tintweriex raguni bizzejjed sabiex isir il-kuntrarju, l-isem tal-kumpannija kien sejjer jigi mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi fil-perjodu meta harget il-pubblikazzjoni li taghti tliet xhur ghall-oggezzjonijiet, kienet proprja fil-bidu tal-pandemija COVID-19, waqt illi l-impjegati tal- Malta Business Registry kienu qieghdin jahdmu 75% mid-dar. Illi kien hemm nuqqas ta` komunikazzjoni dwar il-policy interna, ghaliex kien mahsub illi jekk ma jigux il-kontijiet annwali kollha, il-process ta` thassir ikompli.*

*Illi r-Registratur m`huwiex jopponi ghal tali talba anzi jixtieq jikkopera sabiex il-process jithaffef sabiex il-kumpannija terga` tigi fuq ir-Registru bla dewmien, izda jixtieq illi d-diretturi jintrabtu illi jigu sottomessi l-kontijiet annwali kollha u jithallsu l-penali kollha dovuti lir-Registratur ghal tali nuqqas sakemm il-kumpannija kienet fuq ir-Registru. Il-penali jammontaw ghal €6,670.50.*

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` din il-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghall-provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Ir-rikorrenti mexxew bil-procedura tal-lum abbazi ta` l-Art 325(4) tal-Kap 386.

Jirrizulta li r-rikorrenti huma azzjonisti tal-kumpannija MATSURV & Associates Ltd. (C46332).

Ghalhekk ghandhom *locus standi* sabiex jippromwovu l-istanza odjerna.

Dan premess, wara li qieset kif svolga l-procediment odjern, il-qorti, fl-ghoti tal-provvediment taghha tal-lum, sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza, ir-rikorrenti wrew disponibilita` li jirregolaw il-pendenzi li kellha l-kumpannija de qua qabel l-intimat ta bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru. Din id-disponibblita` kienet evidenti wkoll fir-rikors promotur.

**Il-qorti taccetta bhala ppruvat li l-intimat kellu ragunijiet fondati bizzejjed sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem.**

**Fl-istess waqt tqis inaccettabbli li fil-kors tal-perijodu ta` tliet xhur imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Art 325 tal-Kap 386 jigru unikament tort tal-intimat jew ta` rapprezentanti tieghu jew ta` impjegati tieghu zvisti jew karenza ta` komunikazzjoni nterna jew addirittura disgwid, u li l-intimat stess jaccetta li sehhew fil-kors tat-twettieq tal-procedura skont l-Art 325 tal-Kap 386.**

**Tishaq li l-intimat kien gustifikat li mexxa bil-procedura ladarba sab li kien hemm inadempjenzi serji da parti tal-ufficjali tal-kumpannija fit-twettieq tal-obbligi taghha skont il-Kap 386.**

**Pero` l-qorti mhijiex lesta li taccetta skuzi min-naha tal-intimat fi procedura li hija semplici fl-ezekuzzjoni taghha ghaliex huwa n-nuqqas ta` komunikazzjoni nterna li jgib disgwid bla bzonn, anke jekk ir-ragunijiet tal-intimati ikun kawzati minn cirkostanzi li johorgu barra min-normalita`, kif jidher li gara fil-kaz odjern.**

**Ghan-nuqqasijiet tieghu, il-qorti hija tal-fehma li ghandu jbati l-ispejjez ta` din il-kawza.**

**Fil-kors tal-kawza, jirrizulta ppruvat illi r-rikorrenti rregolarizzaw il-pendenzi kollha li l-kumpannija kellha mal-intimat.**

**Tenut kont tal-mod kif ir-rikorrenti wrew l-impenn taghhom fil-kors ta` dan il-procediment sabiex igibu l-pendenzi tal-kumpannija *in order* imgieba din li kienet finalizzata ghas-sodisfazzjon tal-intimat, il-qorti tqis li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

**Fl-istess waqt il-qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kull ma sarx tajjeb u skont il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Il-qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull min huwa responsabbli.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi –**

**Tordna li l-isem MATSURV & Associates Ltd. li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C46332 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem MATSURV & Associates Ltd. li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C46332 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem MATSURV & Associates Ltd. li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C46332 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta, fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija MATSURV & Associates Ltd. (C46332) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kif ukoll kull spiza relatata mal-ezekuzzjoni ta` dan il-provvediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**